# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 531/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charlot Chetcuti**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Charlot Chetcuti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 454089M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Lulju, 2016, waqt li kien fi Triq l-Imdina, H'Attard u fl-akwati:

1) Rema', tefa' jew xort'oħra ddepożita f'post, ġewwa post, jew minn xi post, fil-beraħ li l-pubbliku għandu d-dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas u ħalla xi ħaġa tkun li tkun f'ċirkostanzi tali li tikkaġuna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal għat-tkerrih biż-żibel u skart ta' xi post fil-beraħ;

2) U aktar talli r-reat ta' skart, swill jew żibel ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantita' jew ta' dak il-kumulu li meta tqisu waħdu jkun biżżejjed biex iwassal għat-tħassir ta' xi post fil-beraħ.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Novembru, 2016 li biha ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u illiberatu minnha izda sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu għal ħames mitt Euro (€500);

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati tal-istess. B'mod sussidjarju, talab bdil fil-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant iressaq zewg aggravji ghal-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti li fil-qosor huma dwar l-apprezzament tal-fatti

magħmula mill-Ewwel Qort marbut mal-element intenzjonali stante li dan si tratta ta' reat u għalhekk mhux biżżejjed li jkun ippruvat biss l-element materjali. It-tieni aggravju imbaghad jirrigwarda l-piena erogata;

2. Brevement rakkontati l-fatti, fis-17 ta' Lulju, 2016, trakk kien intlemah ghaddej minn Triq l-Imdina, Attard mill-liema trakk kien qed jaqa' ammont ta' terrapien. Minn investigazzjoni li ghamlet il-pulizija irrizulta li dan it-trakk kien jappartjeni lil Carmel Pullicino u li f'dak il-hin kien qed jinstaq mill-imputat. L-indagini tal-prosekuzzjoni kienet facilitata mill-fatt illi sewwieqa ohra rregistraw dak li kien qed jigri u tefghu il-video fuq Facebook;

3. Din il-Qorti semghet ix-xhieda hi stess stante li dawn ma kienux registrati quddiem l-ewwel Qorti. Gurnalista mal-gurnal lokali The Times, spjega kif kien ircieva filmat minghand qarrej li kien juri trakk idur lejn Ta' Qali bit-trab jaqa' minn fuqu ghal fuq it-triq. F'dan il-filmat ma kienx jidher wicc is-sewwieq u lanqas in-numru tat-trakk. Carmel Pullicino ikkonferma li t-trakk jappartjeni lill-kumpanija tieghu u li l-imputat appellant jahdem maghhom. Appena ingibditlu l-attenzjoni dwar dak li gara sab li t-trakk kien garrab xi hsara zghira fil-bieba meta din inbarmet kawza ta' incident ma' gaffa, u ghalhekk din ittrangat minnufih. Dwar dan jghid li sar jaf ghaliex kien infurmat li trakk taghhom qieghed fuq il-gazzetta u li meta cempel lix-xufier spjegalu dak li kien gara dwar il-gaffa;

4. Il-fatt inniffsu ma huwiex kontestat mill-appellant u ghalhekk huwa palezi illi f'dak il-jum u dak il-hin, it-trakk misjuq mill-appellant kien hiereg mill-bieba tieghu terrapien ghal fuq it-triq.

5. Issa , l-appellant jargumenta illi il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant kien ben konxju li waqt il-vjaġġ huwa kien

qed iħalli jaqa' ammont ta' ramel fit-triq u li m'għamel xejn biex iwaqqaf dan.

6. L-appellant jiccita lill-Professur Mamo fl-argumenti tieghu dwar il-punt illi hawn si tratta ta' reat li ghalih jehtieg li ssir il-prova tal-intenzjoni sabiex tinsab htija. Issa, l-appellant kien jaf illi kien garrab hsara fil-bieba ghaliex ingiebet il-prova minn-sid l-istess trakk illi dan kien intlaqat minn gaffa u inbarmitlu l-bieba, mhux il-bieba tax-xufier izda dik li zzomm ir-ramel fuq wara. Fil-Lectures in Criminal Law - Old University – pp 60, il-Professur jispjega b'mod erudit u komparattiv it-tifsira tal-elementi intenzjonali u via scorrendo itenni illi "Direct intention and (in appropriate cases) positive indirect intention give rise to 'dolus', ie criminal intent. Fdan il-kaz, l-appellant kien jaf li ghandu hsara, kien jaf li t-trakk huwa mghobbi bir-ramel u ghalhekk kien jaf illi uzu tat-trakk f'dawk il-kondizzjonijiet kien ser jew seta' jirrizulta f'dak li fil-fatt gara – twaqqiegh ta' ramel matul it-triq;

7. Jghid ukoll il-Professur Mamo, f'pagna 60: '*the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man.' But this difficulty seldom arises in practice, for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent.'* U b'dan appena iccitat, din il-Qorti ma tarax kif tista' b'xi mod tikkonkludi li l-ewwel Qorti qabilha ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

15.Fit-tieni aggravju rigwardanti il-multa mposta mill-ewwel Qorti, l-appellant jargumenta illi dan ir-reat huwa passibbli ghall-**multa** ta' mhux anqas minn €23.29 u l-ligi ma timponix limiti. Dan huwa korrett izda din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tissostitwixxi id-deskrizzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena li wara kollox hija wahda ragjonevoli tenut l-isforzi kollha maghmula

kollettivament bejn l-Istat u ic-cittadini sabiex l-ambjent fiziku tal-pajjiz jinzamm fi stat tajjeb li wara kollox u aktar u aktar meta nuqqas ta' dan huwa l-istess cittadin li jsofri konsegwenzi inkluz dawk ta' mard relatat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.